C/2025/5426

8.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12168 – PERMIRA / GA / PROPERTY FINDER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5426)

1. Fit-30 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Permira Holdings Limited ("'Permira'", Guernesey),

— General Atlantic PF B.V. ("'GA'", In-Netherlands),

— Property Finder International Ltd ("'Property Finder'", il-Gżejjer Verġni Brittaniċi) bħalissa kkontrollata b'mod konġunt minn GA u s-Sur Michael Lahyani, nazzjonal tal-Iżvizzera.

Permira, GA u s-Sur Michael Lahyani se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Property Finder.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Permira hija negozju tal-ekwità privata, involuta fil-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar ta' portafolji lil għadd ta' fondi ta' investiment.

— GA tipprovdi kapital u appoġġ strateġiku għal kumpaniji li qed jikbru f'sitt setturi: il-klima, il-konsumatur, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, ix-xjenzi tal-ħajja, u t-teknoloġija.

— Property Finder hija attiva bi pjattaforma online li tgħaqqad lil persuni li jfittxu proprjetà ma' aġenti, żviluppaturi u sidien professjonali. Hija attiva l-aktar fl-Emirati Għarab Magħquda kif ukoll f'pajjiżi oħra tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12168 — PERMIRA / GA / PROPERTY FINDER

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË